MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru. 200/2010

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Marcos Johnson, iben Johnson, imwieled in-Niġerija fil-15 ta' April, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta' Marzu, 2010, kif ukoll fix-xhur ta' qabel fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
2. taħt l-istess ċirkostanżi, f'Malta, ta jew ġiegħel jagħti xi prospett falz, dikajrazzjoni falza, jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal ta' l-Immigrazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Marzu, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------